# Inno Missionario


Mro. Giuseppe Caruana.

Fost il-ħafna innijiet immortali li ġew immużikati minn Mro. Giuseppe Caruana (1880-1931) insibu l-'Inno Missionario', versi bit-Taljan tal-Prof. Isqof Awżiljari u Vigarju Ġenerali, l-E.T. Rev. Mons. Isqof Emmanuel Galea (1891-1974) u ta' Patri Ġiżwita Ġużè Delia (1900-1980). Fil-kelmtejn qabel tal-ktejjeb bl-innijiet popolari ta' missierha (Tipo-Litografia Fedini – Firenze 1956), li fosthom insibu dan l-innu, bintu l-kbira Marija tgħid, li għalkemm għaddew 25 sena minn mewtu, it-tifkira ta' missierha għadha ħajja fost il-Maltin permezz tal-innijiet popolari tiegħu. Hija tgħid ukoll: "Il-biċċa l-kbira tal-innijiet huma minsuġa mal-versi ta' Dun Karm, u tant hi kbira l-armonija bejn il-kelma u l-melodija, li ma tafx x'tammira l-iżjed, hekk hux il-benna tal-waħda jew il-ħlewwa tal-oħra." Il-ġabra ta' innijiet ta' Caruana hija maħsuba għal min jaf jgħożż s-sabiħ u t-tajjeb t'art twelidu u għal min għandu għal qalbu l-kant devot u sabiħ tal-poplu Malti.

Il-forte ta' Caruana minn dejjem kien il-kant u t-tagħlim tiegħu kif ukoll id-direzzjoni korali. Tgħallem il-kant fl-istitut mużikali ta' Pawlin Vassallo (1856-1923), fejn jingħad li kellu vuċi tenorili mill-isbaħ. Huwa kien jipparteċipa f'ħafna korijiet immexxija mis-surmast tiegħu. Dan wassal biex Vassallo jibda jafdah bid-direzzjoni waqt is-servizzi reliġjużi. Ma' tmiem il-kors, Caruana għaqqad il-kor tat-tfal, bniet u subien, u l-orkestra tiegħu, u beda jagħti s-servizzi bħala 'maestro di cappella' tal-knisja ta' San Ġakbu u dik ta' Portu Salv tal-Belt kif ukoll aktar tard ta' ħafna oħrajn imxerrdin mal-gżejjer Maltin. Barra l-kor puwerili kellu wkoll kor ieħor kbir tal-adulti bi 'l fuq minn 100 korist, ilkoll imħarrġa f'tipi differenti ta' mużika korali, fosthom dik polifonika. Il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (1913) kellu jkun l-ewwel okkażjoni fejn wera l-ġenju tiegħu f'dan il-qasam. Mill-banda l-oħra, l-aħħar darba li Caruana dderieġa kor magħmul minn tfal, żgħażagħ u seminaristi, kien proprju ftit qabel il-festa ta' Kristu Re u li għaliha kien tqabbad jikteb l-innu bit-Taljan 'A Ġesù Re dei Cuori', maqlub għall-Malti minn Dun Frans Camilleri bl-isem ta' 'Qawwi Qlubna'. Caruana miet lejlet il-festa ta' Santa Ċeċilja, qaddisa patruna tal-mużiċisti.

Caruana kien ukoll għalliem tal-kant fiċ-ċentri katekistiċi u f'daru stess il-Belt. Kien jgħallem il-kant u l-mużika

fl-iskejjel elementari. Skont Mifsud[1]: "Caruana kien skrupluż ħafna fit-tagħlim u fil-konċertazzjoni tal-kor." Jgħid ukoll: "Fir-repertorju tal-kor, Caruana kien iħaddem ħafna drabi l-polifonija ta' Giovanni Perluigi da Palestrina (1525-94) u ta' Orlando de Lassus (1532-94), flimkien mal-mużika għall-vuċijiet tal-kompożitur ta' żmienu, Lorenzo Perosi (1872-1956), b'xi kompożizzjoni tiegħu wkoll." Caruana kien ukoll kompożitur ta' 'l fuq minn 300 mitt biċċa xogħol li skont RMB[2]: "Huma ispirati, melodjużi, safjin, devoti u xierqa għad-dar t'Alla." Fost xogħlijietu nsibu: antifoni, avemarijiet, gradwali, improperji tal-Ġimgħa l-Kbira fi stil Palestrina, innijiet liturġiċi, sħaħ jew tal-istrofi, introjti, litaniji tal-Madonna u bċejjeċ oħrajn Marjani: 10 Salve Regina, 2 Regina Cœli u 3 Stabat Mater, mutetti Ewkaristiċi, offertorji, oratorju ċkejken, quddies, responsorji, salmi u oħrajn alternati, tantumergi u tedewijiet. Kiteb ukoll mużika profana, fosthom xi rumanzi ħelwin u intermezzi orkestrali, kif ukoll għadd ġmielu ta' innijiet popolari.




Inno Missionario.

Skont Saliba[3]: "Kien is-sentiment popolari tal-arti li ispiralu dawk l-innijiet sbieħ, friski, ħerġin mill-qalb, li kienu jsibu eku mill-ewwel fil-qalb tal-poplu tagħna u li għadhom jitkantaw illum."

L-Inno Missionario ma jġibx id-data ta' meta seta' nkiteb. Fil-ktejjeb li semmejna jidher f'paġna 23, id-19-il wieħed fost 20. L-innu għandu tonalità ta' Sib Maġġuri, żewġ semiminimi bħala sinjal tal-miżura, u temp immarkat Moderato. Bħal kull innu popolari ieħor għandu tip ta' forma binarja: Strofa (b.$0^2$-$16^1$) u Ritornell (b.$16^2$-$32^1$). L-ewwel taqsima fiha 16-il battuta, imqassma f'żewġ sentenzi mużikali ta' tmien battuti l-waħda.

1. Ġorġ Mifsud: 'Mill-Kompożizzjonijiet ta' Ġużeppi Caruana (1880-1931)', p. 13 [Pubblikazzjoni Buġelli, 1981].
2. Robbie Mifsud Bonnici: 'Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum', p. 52 [Giov. Muscat, 1951].
3. Paul Saliba: 'Taw Ġieħ lil Arthom', p. 69 [Malta, 2011].



Firma ta' Mro. Giuseppe Caruana.

Kull waħda minnhom hija suddiviża f'żewġ frażijiet daqsinsew u li jibdew in aria. Wieħed jinnota li l-melodija hija għal żewġ vuċijiet, xi ħaġa li nsibuha tista' tgħid fl-innijiet kollha l-oħrajn ta' Caruana peress li kien iħobb il-polifonija. Fl-ewwel sentenza (b.$0^{2}$-$8^{1}$) il-frażijiet jiffurmaw bejniethom bħal mistoqsija u tweġiba, filwaqt li t-tieni waħda (b.$8^{2}$-$16^{1}$) tagħmel użu mill-binja ready, steady, go, bl-ewwel frażi tinkludi sekwenza li sservi ta' trampolin għat-tieni waħda. B'hekk, is-sentenza, strutturalment tilħaq il-qofol tagħha, imsaħħa wkoll mill-pawsa li nsibu fit-tieni taħbita f'b.14, eżatt qabel tmiem din it-taqsima. It-tieni taqsima għandha l-istess għadd ta' battuti, imqassmin f'żewġ sentenzi ugwali, bit-temp imnaqqas fl-ewwel waħda, fejn il-kor ikanta fl-unisonu għal aktar saħħa. Hawnhekk ukoll għandna bħal mistoqsija mwieġba bejn iż-żewġ frażijiet; xi ħaġa li tidher sew fid-disinn melodiku. F'tarf din is-sentenza nsibu kuruna oħra qabel ma l-mużika tmur għat-tieni waħda. Meta niġu għat-tieni sentenza (b.$24^{2}$-$32^{1}$) insibu li din hija kopja eżatta tal-oħra li nsibu f'b.$8^{2}$-$16^{1}$. B'dan il-mod, l-innu jieħu forma rounded binary, għax għad li maqsum f'żewġ taqsimiet - strofa u ritornell - parti mill-ewwel taqsima tirrepeti ruħha fit-tieni waħda: A = a + b u B = ċ + b.

*Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq: https://www.um.edu.mt/library/oar/*




***Tweġġa' meta tħossok waħdek...*** *iżda Missio, flimkien ma' Newsbook.com.mt ħarġu b'inizjattiva li tagħtik il-possibilità li ssib qalb ta' ħbiberija permezz tal-proġett* ***Adopt a Grandparent****. Jekk inti interessat tipparteċipa, ċempel fuq 2122 2001.*

www.adoptgrandparent.org

POWERED BY
missio NEWSBOOK